Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 27 ta' Novembru 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0259(NLE)**

15324/1/23
REV 1

LIMITE

POLCOM 267
SERVICES 49
FDI 30
COLAC 146

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 11505/23 + ADD 1-7 and 11506/23 + ADD 1-7 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì<br>- Adozzjoni<br>kif ukoll<br>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì<br>- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lil Kunsill:

   a) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì (ST 11505/23 + ADD1-7); kif ukoll

   b) proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì (ST 11506/23 + ADD 1-7).

2. Il-proposti msemmija hawn fuq ġew eżaminati mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Lulju 2023 u approvati, b'emendi biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa, fl-20 ta' Lulju 2023.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 11666/23 u 11668/23 + ADD 1 - 2
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
- jiddeċiedi li jgħaddi l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11667/23 u 11668/23 + ADD 1-2, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, u
- jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.

PUBLIC